Tagħrif miġbur minn Martin Ellul

# Għaxqin Vittmi tal-Gwerra

It-Tieni Gwerra Dinjija qajmet paniku u konfużjoni enormi f'pajjiżna u kulħadd jammetti li kif bdiet il-gwerra ftit li xejn kien hawn organizzazzjoni u preparamenti għall-gwerra. Il-kittieba jgħidu li l-ewwel *raids* fuq pajjiżna kien hawn straġi sħiħa u ħadd ma jaf x'se jaqbad jagħmel. Mhux se noqgħod insemmi min ħadem fil-gwerra u dan għidtu biss għaliex kienu bosta dawk in-nies li saħansitra volontarjament kienu jaħdmu f'dawk iż-żminijiet koroh u diżastrużi bħal ta' żmien il-gwerra. Il-gwerra ħalliet ħafna vittmi fosthom 18-il persuna minn Ħal Għaxaq li ftit li xejn qatt issemma xi ħaġa dwarhom u għaldaqstant qed nikteb dawn l-erba' kelmiet dwar min kienu l-vittmi li tilfu ħajjithom fil-gwerra. Barra minhekk tajjeb li wieħed iħares lejn pajjiżi oħra li ġabru l-ismijiet tal-vittmi tal-gwerra tagħhom u fuq irħama twaħħlu f'diversi parroċċi mal-ġenb tal-knejjes. Naħseb li jkun ġest nobbli li lil dawn ħutna Għaxqin li mietu f'dawk iż-żminijiet ma ninsewhom qatt u nibqgħu nfakkruhom bħalma nfakkru avvenimenti oħra.

**Ħal Għaxaq Jsellem lill-Għaxqin Vittmi tat-Tieni Gwerra (1939-1945)**

| | | |
|---|---|---|
| Abela Carmel | 3 xhur | 27 ta' Diċembru 1941 |
| Abela John | 33 sena | 27 ta' Diċembru 1941 |
| Abela Joseph | 13-il sena | 27 ta' Lulju 1942 |
| Abela Michael | 26 sena | 17 ta' Mejju 1942 |
| Abela Teresa | sena | 27 ta' Diċembru 1941 |
| Abela Vinċenza | 26 sena | 27 ta' Diċembru 1941 |
| Bugeja Joseph | 68 sena | 9 ta' April 1942 |
| Busuttil David | 7 snin | 9 ta' April 1942 |
| Busuttil Michelina | 47 sena | 27 ta' Diċembru 1941 |
| Camilleri John Mary | 67 sena | 24 ta' Mejju 1942 |
| Enriquez Francis | 60 sena | 9 ta' April 1942 |
| Fenech Carmela | 6 snin | 9 ta' April 1942 |
| Fenech Esther | 10 xhur | 9 ta' April 1942 |
| Fenech Mary | 31 sena | 9 ta' Aril 1942 |
| Fenech Nazzareno | 8 snin | 9 ta' April 1942 |
| Schembri Joseph | 13 sena | 9 ta' April, 1942 |
| Vella Ubaldeska | 32 sena | 24 ta' Frar 1942 |
| Zammit Paul | 7 snin | 9 ta' April 1942 |

NEW IMAGE HAIR STUDIO
Hair by
Lisa Cassar Domenici
14, Holy Ghost Str., Żejtun
Tel: 2167 8370
NEW IMAGE HAIR STUDIO